MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 72/2011

**Darren Aquilina**

**vs**

**L-Onorevoli Prim Ministru**
**U l-Avukat Generali**

l-Qorti,

Rat ir-rikors kostituzzjonali datat is-7 ta’ Novembru, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament ippremetta s-segwenti:

1. Illi wara li fit-3 ta’ Frar, 2007, hu kien imressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati akkuzat b’reati relatati ma’ l-ispacc tal-kokaina, kien inhareg ukoll fil-konfront tieghu l-Att tal-Akkuza relattiv;

2. Illi in konnessjoni mal-istess kaz kienet ukoll precedentement konnessa l-inkjesta relattiva;

3. Illi fost ix-xhieda ndikata fil-proceduri fuq imsemmija u anke fl-inkjesta riferita, kien hemm indikat u xehed Alberto Alessandro Bafumi;

4. Illi r-rikorrenti jsostni li d-depozizzjoni tal-imsemm Bafumi fl-inkjesta m'ghandhiex titqies li ghandha valur probatorju u allura, l-imsemmi Bafumi m'ghandux jithalla jiddeponi fil-guri prefigurat;

5. Illi dan qed jinghad ghaliex id-depozizzjoni tal-imsemmi Bafumi ma kinitx ammissibbli stante li ma ngabx jixhed viva voce;

6. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ma jistax ikollu smiegh xieraq skont il-ligi;

7. Illi l-artikoli 30A tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 550 tal-Kap 9 tal-istess Ligijiet kienu ntrodotti fl-2006 u jiledu d-drittijiet kostituzzjonali u fundamentali tar-rikorenti kif sancit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjon Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jiddesponu li biex ikun hemm smiegh xieraq ix-xhieda trid tinstema' *viva voce* quddiem l-imputat biex jikkontrollha;

8. Illi konsegwentement:

i. L-istqarrijiet maghmula mix-xhieda; u

ii. depozizzjonijiet minnhom maghmula quddiem l-inkwirenti;

ghandhom ikunu disponibbli ghall-prosekuzzjoni biss ai fini ta' kontroll kif kien qabel ma saru dawn iz-zewg emendi;

9. Illi r-rikorrenti ma setax jikkonduci l-kontro-ezami tax-xhud minhabba li x-xhud kien ko-akkuzat, u ghalhekk, gie pregudikat ulterjorment;

10. Illi jekk allura dan ix-xhud kien ser jigi ammess bhala xhud quddiem il-Qorti Kriminali, ir-rikorrenti kien ser ikun severement pregudikat ghaliex il-prosekuzzjoni hemm ikollha d-dritt tikkontrolla lix-xhud tramite d-depozizzjoni guramentata – fuq liema depozizzjoni r-rikorrenti ma kellu l-ebda kontroll u ghalhekk tali fatt jilledi l-principju tal-"*equality of arms*" tant necessarju ghal smiegh xieraq;

Illi fid-dawl tas-suespost ir-rikorrenti talab lil din il-qorti biex:

1. Tiddikjara li r-rikorrenti ma jistax ikollu smiegh xieraq ghaliex id-depozizzjoni ta' Alberto Alessandro Bafumi ittiehdet minn wara dahru;

2. Tiddikjara li l-artikolu 550 (1) tal-Kodici Kriminali, l-artikolu 30A tal-Kap 101 tal-Ligjiet ta' Malta u l-artikolu 646 (2) tal-istess Kodici Kriminali huma lkoll *ultra vires* l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

3. Tiddikjara li Alberto Alessandro Bafumi m'ghandux ikun ammess bhala xhud waqt il-guri, (presumibilment li r-rikorrenti ghad irid jiffaccja), u dan, stante li ma tax ix-xhieda tieghu quddiem il-qorti istruttorja u b'hekk, id-difiza kienet zvantaggata fil-konfront tal-prosekuzzjoni ghaliex imcahhda mid-dritt tad-*doppio ezami*;

4. Taghti dawk id-direttivi u ordnijiet kollha li jidhrilha xieraq biex jigu sanciti d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tar-rikorrenti Aquilina;

Rat ir-risposta datata s-16 ta' Novembru, 2011, li permezz taghha l-intimati sintetikament esponew is-segwenti argumenti rilevanti:

1. Illi preliminarjament il-Prim Ministru mhux il-legittimu kontradittur;

2. Illi preliminarjament ukoll din il-qorti ghandha tastjeni mill-kaz odjern stante li jezistu diversi rimedji effettivi ghat-talbiet tar-rikorenti qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali whud mil-liema rimedji gew elenkati fl-istess risposta izda ma gewx utilizzati mill-istess rikorrenti;

3. Illi preliminarjament ukoll il-kwistjoni legali sollevata mir-rikorrenti gia` giet deciza mill-Qorti Kriminali li fid-digriet taghha datat il-21 ta' Mejju, 2009, osservat li l-istqarrija nkriminata f'dawn l-atti – senjatament dik ta' Bafumi –

" … mhix producibbli kontra l-akkuzat Aquilina hlief f'kaz li Bafumi jixhed fil-guri ta' Aquilina din l-istqarrija tkun tista' tintuza biex jigi kontrollat dak li jkun qed jixhed Bafumi pero`, peress li din l-istqarirja giet ikkonfermata bil-gurament, dak li gie konfermat bil-gurament ikun ammissibbli";

4. Illi l-uniku raguni li ghaliha r-rikorrenti ntroduca l-procedura odjerna hi li biex tigi sfilzata l-istqarrija ta' Bafumi biex meta dan ibiddel il-verzjoni tieghu fil-guri ta' Aquilina, l-prosekuzzjoni tkun prekluza milli tikkontrolla lill-istess xhud u tikkonfrontah bi kliemu;

5. Illi ghalhekk tali procedura in dizamina hu wiehed abbuziv u ghandu jigi censurat;

6. Illi preliminarjament ukoll, u bla pregudizzju ghas-suespost, il-procedura odjerna hi biss tentattiv biex jitwalu l-proceduri kriminali ndirizzati kontra r-rikorrenti, liema tentattiv hu abbuziv il-procedura u b'hekk jimmerita c-censura mmedjata;

7. Illi fil-meritu, ma jirrizulta li sar l-ebda ksur ta' smiegh xieraq fil-konfront tar-rikorrenti;

8. Illi l-gurisprudenza fir-rigward tistabbilixxi li f'kazijiet simili l-proceduri jridu jkunu ezaminati fl-assjem taghhom u mhux spezzettati tul l-iter gudizzjarju riskontrat

u ghalhekk, it-talbiet tar-rikorrenti huma prematuri u ntempestivi;

9. Illi finalment hu ribadit li ma hemm l-ebda konfuzjoni jew incertezza legali naxxenti mill-artikli specifici ndirizzati mir-rikorrenti, u l-fatt li r-rikorrenti ghazel li ma jikkonducix il-kontro-ezami ta' Bafumi, bl-ebda mod ma jattira l-konsegwenza riferita fir-rikors promotur, u ghalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-aritkoli hemm indirizzati;

10. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti datat is-7 ta' Dicembru, 2011, li permezz tieghu irtira l-atti de quo fil-konfront tal-Prim Ministru, (ara fol 19 et sequitur);

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet datati rispettivament il-11 t'April, u l-15 ta' Mejju, u dik precedenti datata l-20 ta' Marzu, ilkoll 2012;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura kostituzzjonali odjerna tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi ttiehdet stqarrija minn xhud, certu Alberto Alessandro Bafumi, li minhabba l-fatt li r-rikorrenti ma kienx prezenti ghall-kontradittorju, din ghandha titqies bhala wahda nkwinata u per konsegwenza m'ghandhiex tintuza fl-eventwali guri tar-rikorrenti;

2. Illi allura, skont ir-rikorrenti din il-lanjanza tilledi d-drittijiet kostituzzjonali tieghu bil-komplicita` ta' tlett dispozizzjonijiet statutorji senjatament l-artikolu 550 u 646

tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 30A tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Illi di piu`, l-imsemmija tlett artikli ndikati fil-paragrafu precedenti huma kontradittorji u allura jilledu d-dritt tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq kif sancit mill-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u mill-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-artiklu 550 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jirrigwarda l-process verbal u jistabbilixxi li kemm –il darba dan ikun maghmul regolarment, jista’ jinghata bhala prova fis-smiegh tal-kawza sussegwenti;

2. Illi ghalhekk, il-process verbal jikkostitwixxi prova tal-istess kontenut tieghu, stante li l-veru skop tal-istess hu dak li jippreserva l-evidenza hemm migbura biex jekk ikun il-kaz, tigi wzata skont il-ligi fi procedura sussegwenti;

3. Illi l-ewwel uzu li ghalih jista’ jintuza tal-process verbal regolarment hu li jigi pprezentat bhala evidenza fih innifsu fi proceduri kondotti mill-Qorti tal-Magistrati bhala qorti Istruttorja;

4. Illi nonostante dan, il-prosekuzzjoni xorta wahda tkun intitolata fil-ligi biex tipprezenta xhieda ulterjuri anke f’dan l-istadju kompilattiv – liema procedura ssir fil-prezenza, (b’xi eccezzjonijiet), tal-imputat;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-artiklu 646 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sollevat mir-rikorrenti jirribadixxi li l-ezami tax-xhieda fil-qorti jsir *viva voce*;

2. Illi di piu`, xhieda mehuda bil-gurament matul il-kumpilazzjoni, tista’ tingieb bhala prova, basta li x-xhud jingieb fil-qorti biex jigi ezaminat *viva voce* – hlief ghall-eccezzjonijiet hemm imsemmija;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li fl-artikoli in dizamina jirrizultaw kumplimentari ghal xulxin billi t-tnejn jirrikjedu li xhieda tkun mismugha *viva voce* fil-prezenza tal-imputat jew tal-akkuzat skont il-kaz;

Illi hi biss l-istqarrija mehuda fil-kors ta’ nvestigazzjonijiet kondotti mill-pulizija jew minn inkjesta magisterjali li l-prezenza ta’ akkuzat jew imputat mhix mehtiega – u dan bir-ragun, stante li fl-istramaggoranza tal-kazjiet la jkun hemm imputat, wisq anqas, akkuzat;

Illi ghandu jinghad ukoll li tali stqarrijiet huma ammissibbli biss kemm –il darba l-garanziji procedurali fir-rigward ikunu skrupolozament sodisfatti skont il-ligi, u fid-dawl tal-kooperazzjoni unilaterali tal-agent li jeffettwaha;

Ikkunsidrat:

Illi di piu`, ghandu jinghad ukoll li stqarrija ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha u mhix ta’ pregudizzju ghall-ebda persuna ohra, (artikolu 661 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta) u ghalhekk il-preokkupazzjoni tar-rikorrenti ghandha tisfuma;

Ikkunsidrat:

Illi in oltre, f’kaz ta’ ko-akkuzati, dak sostenut mill-intimat fil-paragrafu III 4 a fol 81 et sequitur hu avallat minn din il-qorti, u a skans ta’ ripetizzjoni inutili, taghmel ampja referenza ghall-istess stante li r-rizultanzi riskontrati ma jirrizultawx li b’xi mod jilledu d-drittijiet riferiti mir-rikorrenti;

Illi di piu`, ghandu jinghad ukoll li kemm investigazzjonijiet tal-pulizija li fil-kors taghhom ittiehdet l-istqarrija tal-imsemmi Bafumi, kif ukoll il-konferma tal-istess tul l-inkjesta magisterjali, l-istqarrijiet hemm mehuda huma formanti parti mill-investigazzjonijiet hemm separatament kondotti fejn l-ebda terza persuna estranea – lanqas is-

suspettat stess – ma jkollu xi forma ta’ prezenza u dan, semplicement ghaliex logikament ma jiffigurax;

Illi hu biss fl-istadju kumpilattiv, meta l-prezenza ta’ imputat jew akkuzat tkun assigurata li din il-figura rikjamata mir-rikorrenti tikkristallizza ruhha u tippartecipa fil-procedura li tkun ghalhekk kondotta taht l-iskrutinju taghha;

Illi kemm –il darba hemm lanjanza sollevata f’dan ir-rigward mir-rikorrenti din hi biss ghalhekk dovuta ghall-karenza t’azzjoni tieghu u m’ghandha, taht l-ebda skuza, tkun imputata lill-prosekuzzjoni;

Illi ghalhekk, stante li l-provi tal-prosekuzzjoni mressqa fl-istadju minn dak tal-kumpilazzjoni l’ quddiem dejjem ikun taht l-iskrutinju serrat tal-imputat jew akkuzat, l-ebda allegazzjoni ta’ ksur ta’ dritt fundamentali ma jista’ hawn jigi lilhom imputat, izda se mai, disattenzjoni mid-difiza stess;

Illi ghalhekk, minn analizi akkurat tal-assjem kollu tal-proceduri adoperati rizultanti mid-dokumenti esebiti in atti, l-preokkupazzjoni tar-rikorrenti Darren Aquilina li gew lilu lezi xi drittijiet fundamentali tieghu ma tirrizultax ippruvata skont il-ligi;

Illi ghal kuntrarju, dak li jirrizulta hu li l-prosekuzzjoni mxiet f’kull stadju tal-procedura skont il-ligi u ghalhekk, dejjem operat ruhha taht l-iskrutinju kemm kurjali – li hi wkoll fid-dmir li tassikura li l-ebda drittijiet fundamentali ma jigu lezi – kif ukoll tad-difiza, li ghalkemm dejjem kellha l-possibilita` li topera rimedji fl-ambitu tal-ligi normali, jidher li liberament ghazlet li ma tapplikahomx u konsegwentement, il-lanjanza tal-intimat li l-ghan principali tar-rikorrenti Aquilina li jintraprendi din il-procedura hi fil-fatt unikament indirizzata biex jipprokrastina, hi totalment legittima;

Ghaldaqstant, filwaqt li takkolji r-risposti tal-intimat, tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti Darren Aquilina, bl-ispejjez.

__________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------